## GUDIKATUR: DR. PHILIP MANDUCA LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn,10 ta' Settembru 2001

**Avviz. Nru. 162/01 PM**

**Joseph Galea u Rita Galea**

**Vs**

**Michelle Gauci**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi presentat fis-6 ta' Marzu 2001 fejn l-atturi talbu li l-konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghal incident ta' traffiku u thallas Lm231.65.

Ra id-dokumenti esebiti mill-atturi (Rapport tal-Pulizija, *survey report,* ritratti u kontijiet).

Ra l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet li l-incindent gara unikament minhabba inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' Joseph Galea.

Sema x-xhieda ta' Joseph Galea.

Sema x-xhieda tal-konvenuta.

Ra li b'nota ppresentat fit-8 ta' Gunju 2000 l-atturi irriducew it-talba taghhom b'Lm25.

Sema x-xhieda ta' PS 1043 Francis Pace.

Ra li fit-8 ta' Gunju 2001 l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Ikkunsidra li mill-provi ppresentati jirrisulta manifestament li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghal incident li gara fid-9 ta' Settembru 2000 bejn il-van Astra IAP 376 u l-karrozza DAT 598.

Illi skond l-attur Joseph Galea hu kien qed issuq fejn ic-*centre strip*, l-konvenuta kienet fuq l-*inner lane* u l-konvenuta qasmet mill-*inner lane* ghal *outer lane*.

Illi l-konvenuta qalet li kienet harget minn *side street* u gibdet ghal hdejn ic-*central strip*. Imbaghad xeghlet l-*indicator* u daret lejn il-lemin.

Illi mill-iskizz u minn fejn huma d-danni fil-karozza tal-konvenuta jidher li l-konvenuta ma kienetx qeghda issuq fuq l-*outer lane* qabel l-incident. Fil-fatt ma hemmx danni fuq il-parti ta' wara tal-karozza DAT 598.

Illi anke mill-versjoni tal-incident tal-konvenuta mnizzel fir-rapport tal-Pulizija jidher li l-konvenuta ma kienetx fuq l-*outer lane* qabel l-incident.

Illi l-konvenuta hija responsabbli ghal incident ghaliex qabel ma ghamlet il-manuvra kellha l-obbligu li tara x'hemm fuq il-lemin taghha.

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddikjara li l-konvenuta kienet unikament responsabbli ghal incident in kwistjoni u ghalhekk jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi l-ammont ta' Lm206.65 bl-imghax mill-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

**Av. Philip Manduca**

**Gudikatur**